Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1035/2011

**Rainbowmix Concrete Limited (appellanti)**

**Vs**

**A.Montebello Tyres Limited u Charles Mangion (appellati)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-22 ta' Dicembru 2011, l-attrici harrket lill-konvenuti fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€741.98), bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' bricks.

2. B'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015 it-Tribunal iddikjara li s-socjeta konvenuta mhijiex debitrici u lliberaha mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li kkundanna lill-konvenut l-iehor ihallas lill-attrici s-somma ta' €741.98 bl-imghax mid-9 ta' Frar, 2009.

3. Permezz ta' rikors prezentat fit-13 ta' Ottubru, 2015 l-attrici appellat mis-sentenza tat-Tribunal. L-aggravju hu dwar l-apprezzament tal-provi. L-attrici tilmenta li mill-provi rrizulta li, *"…. l-appellata kienet involuta f'negozju li sar bejnha, bejn l-intimat Charles Mangion, u bejn Carmelo Penza - jew xi kumpannija minn tieghu – li fih l-esponenti ma kienet involuta bl-ebda mod"*. Issostni li gialadaraba l-materjal gie kkonsenjat lis-socjeta konvenuta, ghandha thallas l-ammont mitlub. Kompliet li, *"… mill-provi prodotti rrizulta car u manifest illi l-esponenti issupplixxiet materjal tal-kostruzzjoni fuq l-istruzzjonijiet tal-appellata, u fuq ta' hadd aktar, u allura, jekk xejn – u anke li kieku kellu jinghad li rrizulta li l-materjal in kwistjoni ma marx fizikament ghand l-appellata izda mar ghand l-intimat Charles Mangion – l-istess appellata tibqa' responsabbli ghall-hlas tal-istess materjal gialadarba kienet hi, ex admissis, li tat l-istruzzjonijiet lill-esponenti sabiex tforni l-istess materjal"*.

4. Fit-23 ta' Ottubru, 2015 il-kumpannija konvenuta pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. B'mod preliminari argumentat li l-appell hu null ghaliex l-ilment tal-attrici mhuwiex wiehed mir-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

5. Gialadarba l-ammont in kwistjoni hu inqas mis-somma ta' €1,164.69, appell seta' jsir biss ghal wahda mir-ragunijiet li jissemmew fl-artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).

6. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi din il-kawza, li twalet u kkumplikat ruhha ghalxejn, fis-semplicita taghha hija dwar kreditu. Is-socjeta rikorrenti harrket lis-socjeta intimata u lill-intimat sabiex ihallsu l-ammont minnha reklamat f'dawn il-proceduri. Irrizulta li Penza Construction Limited kellha taghti xi flus lis-socjeta intimata. Minflok flus, hija tatha credit note. Is-socjeta intimata f'xi zmien kienet ghamlet negozju ma l-intimat fejn din ta' l-ewwel xtrat vettura minghand l-intimat. Ghal dan in-negozju, is-socjeta intimata hallset lill-intimat bi flus u credit notes. Wahda minn dawn il-credit notes kienet ghal ammont ta' €9317. Skond il-credit note li hemm esebita a fol. 119 (dok. CM 2) tal-process datata 22 ta' Lulju, 2008 Penza Construction Limited kienet awtorizzat lis-socjeta intimata sabiex tiehu l-ammont ta' €9317 "worth of your products from our account" (fol. 119) minghand is-socjeta rikorrenti. Da parti taghha, s-socjeta intimata kienet kitbet lis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Lulju, 2008 fejn awtorizzat lill-intimat Mangion jiehu f'materjal "such as concrete/bricks and/or aggregates" l-ammont ta' €9,317.49c (fol. 69). Is-socjeta rikorrenti qatt ma kitbet lis-socjeta intimata biex tinfurmaha li hija ma kienitx ser tonora din l-ittra. Di fatti rrizulta li l-intimat Mangion kien beda jiehu dan l-ammont izda imbaghad f'xi zmien, is-socjeta rikorrenti ma baqghetx timxi ma din l-ittra u b'hekk gie dovut l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. Mill-provi prodotti, ma jirrizultax lit-Tribunal li l-materjal li kien qieghed jittiehed minn Mangion kien ghal uzu tas-socjeta intimata. Alfred Ciantar, Financial u Credit Controller tas-socjeta rikorrenti jikkonferma dan meta qal li "dan il-konkos inghata lil Charlie Mangion pero ahna nafu lil Montebello Tyres Limited" (fol. 106) u dan b'referenza ghad-delivery note a fol. 44 tal-process. Kif jafu lis-socjeta intimata pero ma jirrizultax. Jekk huwa biss minhabba l-ittra msemmija datata 30 ta' Lulju, 2008 (fol. 69), din kienet saret bis-sahha tal-credit note li Penza Construction Limited kellu minghand is-socjeta rikorrenti. Illi ghalhekk, ghat-Tribunal, l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri huwa dovut mill-intimat Charles Mangion u minn hadd izjed. Dan l-intimat la qatt deher ghas-seduti u lanqas qatt ressaq risposta ghat-talba tas-socjeta rikorrenti".*

7. Sa mill-bidunett tal-proceduri s-socjeta konvenuta sostniet li ma xtratx bricks minghand is-socjeta attrici. Meta mbaghad Mark Aquilina xehed, qal li l-ammont pretiz kien ghal bejgh u xiri ta' konkos.

8. Minhabba li l-ammont mitlub hu nqas mis-somma ta' €1,164.69, skont artikolu 8(2) appell seta' jsir dwar:

   i. Fuq kull haga li ghandha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
   ii. Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
   iii. Fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);
   iv. Meta t-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

9. Fis-sentenza **Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited** tat-13 ta' Jannar 1999, din il-qorti qalet illi:

*"hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995".*

10. Minn dik id-disposizzjoni jidher li mhemmx dritt ta' appell fejn parti ma taqbilx mal-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza. Hu evidenti li t-Tribunal ghazel li ma jaccettax il-verzjoni tal-attrici. B'daqshekk ma jfissirx li t-Tribunal naqas milli jiddeciedi bl-ekwita' skont il-ligi. L-attrici tikkritika lit-Tribunal fis-sens ghaliex issostni li, *"… t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-fatt illi l-credit note in kwistjoni kienet wahda falza, u li din l-istess credito note kienet il-metodu li l-appellata kienet uzat sabiex tipprova thallas lill-esponenti tal-materjal supplit"*. Hawn l-attrici qeghda tirreferi ghad-dokument CM1 a fol. 118. Pero' mir-ragunament tat-Tribunal hu evidenti li d-decizjoni tieghu mhijiex bazata fuq dak id-dokument. Tant hu hekk li lanqas biss ma jissemma f'paragrafu 10 tas-sentenza, li hu l-paragrafu li fih ir-ragunijiet li wasslu lit-Tribunal biex jillibera lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

11. Il-qorti qrat l-atti. Hu minnu li Mark Aquilina xehed li l-firma fid-dokument CM1 a fol. 118 mhijiex tieghu u Carmelo Penza esprima d-dubju kemm id-dokument kien iffirmat minnu. Madankollu hemm provi ohra li jatuk x'tifhem li l-hlas ma kellux isir mis-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward: hemm:

    *i.* Dikjarazzjoni datata 22 ta' Lulju, 2008 (fol. 119) ta' Penza Construction Ltd indirizzata lil Rainbow Mix Ltd fejn jinghad, *"We, Penza Construction Ltd authorize A. Montebello Tyres Ltd – Tal-Barrani Road Bir id-Deheb, Zejtun, to take the equivalent of Nine thousand three hundred seventeen Euros (Euros 9317) equivalent to (Lm4,000) worth of your products from our account.*

    *In respect of the above kindly invoice our company"*.

    Carmelo Penza kkonferma l-istess dokument.

    *ii.* Mark Aquilina, direttur tas-socjeta attrici, ma qalx jekk kienx ircieva dik id-dikjarazzjoni. Madankollu hu stess ipprezenta Dok. MA1 (fol. 60) datat 30 ta' Lulju, 2008 li ntbghatet mis-socjeta konvenuta, u fejn l-attrici ntalbet tawtorizza lill-konvenut l-iehor, *"…. to collect material such as concrete/bricks and/or aggregates worth of €9,317.49 (nine thousand three hundred seventeen euros and forty nine Euro cents) equivalent to Lm4,000 (Four thousand Maltese Liri).*

    *Credit amount of €9,317.49 is to be settled later on against outstanding Balance between A. Montebello Tyres Ltd & Penza Ltd"*.

12. Mid-dokument MA1 il-qorti tikkonkludi li l-attrici probabbilment kienet infurmata bid-dikjarazzjoni ta' Penza Construction Ltd tat-22 ta' Lulju, 2008 (fol. 119). Hu minnu li Mark Aquilina xehed, *"Qieghed nigi muri dokument CM2 u nghid li dan id-dokument qatt ma rcevejtu"* (fol. 117). Pero probabbilment li kieku ma kinitx ircevietu ma jaghmilx sens li fl-ahhar tad-dokument MA1 jinghad, ***"Credit amount of €9,317.49 is to be settled later on against outstanding Balance between A. Montebello Tyres Ltd & Penza Ltd".*** Dan apparti li fl-istess deposizzjoni, Aquilina kompla jghid, *"… nobbliga ruhi li nivverifika ghas-seduta li jmiss jekk din l-ittra ircevejtix jew le"* (fol. 117). Li jfisser li ma kienx jaf jekk ircevix l-ittra jew le. Wara dakinhar ma jirrizultax li Aquilina rega' xehed.

13. It-talba li ghamlet il-konvenuta a bazi tad-dokument MA1 (fol. 69) tant giet accettata mill-attrici li a bazi tieghu saru konsenji lil Mangion, kif ikkonferma Aquilina. Sahansitra xehed ukoll, *"Jiena kont qajjimt oggezzjoni dwar din il-credit note*[1] *meta kienu ttiehdu madwar hamest elef (€5,000) jew sitt elef (€6,000) ewro xoghol u kont cempilt lil Charles Montebello personalment u ghidtlu li ma' Penza sa issa ma kelli xejn xoghol"* (fol. 96). Hu ghalhekk evidenti li l-attrici ghamlet zmien tikkonsenja konkos jew materjal iehor lil Mangion minghajr ma jintalab il-hlas. Probabbilment li kieku s-socjeta konvenuta kellha thallas mill-bidunett li bdew il-konsenji lil Mangion, l-attrici kienet titlobha l-hlas ma' kull konsenja. Prova ta' dan mhemmx. Ghall-qorti dan jista' jfisser biss li kien hemm il-kunsens tal-attrici li s-socjeta konvenuta mhux ser tkun responsabbli ghall-konsenji li jsiru lil Mangion.

14. Jidher li gie zmien fejn l-attrici unilateralment riedet tibdel il-ftehim li kellha mas-socjeta konvenuta. Madankollu Aquilina stess xehed li, *"Din il-konsenja tad-disgha (9) ta' Frar elfejn u hdax u l-credit note li ghadni kif ezebejt huma parti minn dan in-negozju li semmejt jiena"* (fol. 68). Fis-seduta tal-24 ta' April, 2014 Aquilina xehed in kontro-ezami li, *"… meta kienu ttiehdu madwar hamest elef (€5,000) jew sitt elef (€6,000) ewro xoghol u kont cemplit lil Charles Montebello personalment u ghidtlu li jiena ma' Penza sa issa ma kelli xejn xoghol,* ***huwa qalli ibqa' tih imbaghad nirranga(w) bejnietna****"* (fol. 96). Ovvjament dan hu kontestat minn Montebello. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li mhemmx provi li baqghu jsiru konsenji lil Mangion. Dan ipoggi fid-dubju li kien intlehaq ftehim bil-mod li ddeskriva Aquilina. Il-qorti tippretendi li kieku Montebello qal dawk il-kliem lil Aquilina, l-attrici kienet tibqa' tikkonsenja materja prima lil Mangion.

15. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'ghandha l-ebda raguni biex tikkonkludi li t-Tribunal ghal Talbiet wasal ghal konkluzjoni li qatt ma seta' jasal ghaliha.

---

[1] Il-qorti fehmet li x-xhud qieghed jirreferi ghal Dok. MA1 datat 30 ta' Lulju, 2008.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.**

Anthony Ellul.